MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2368/2004

**Dorothy Spiteri**

**Vs**

**Vincent Cilia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) spejjez ta' Rapport imhejji mill-Perit Godwin Abela u ghaxar liri Maltin (Lm10) bhala spejjez legali.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-

ispejjez kontra l-istess attrici kif tirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Sema' x-xhieda ta' l-attrici, tal-Perit Godwin Abela u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ruth Scott ghall-attrici u ta' Dr James D'Agostino ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-pretenzjoni ta' l-attrici tikkoncerna drittijiet professjonali minnha mhallsa lill-Perit Godwin Abela u lill-avukat taghha b'rizultat ta' passi li riedet tiehu kontra l-konvenut billi deherilha li s-sigar li kellu l-konvenut fil-proprjeta' tieghu kienu qieghdin jimblokkawlha l-veduta miz-zewgt itwieqi li jharsu fuq il-proprjeta' tal-konvenut.

Jirrizulta wkoll illi f'Awissu 2004 il-konsulent legali ta' l-attrici kienet interpellat lill-konvenut sabiex inehhi jew ossija jizbor is-sigar in kwistjoni izda hu naqas milli jaghmel hekk u ghalhekk hi nkarigat lill-Perit Godwin Abela biex jaghmel Rapport liema Rapport gie mhejji fl-14 t'Ottubru, 2004.

Jirrizulta illi ghalkemm il-konvenut beda jiehu xi passi fis-sens illi hu jghid li kien qata' z-zokk tas-sigar, is-sigar baqghu fejn kienu u kien xhur wara li eventwalment tnehhew is-sigar in kwistjoni.

Mir-Rapport tal-Perit Godwin Abela jirrizulta illi tieqa wahda partikolari kienet imblokkata mis-sigar u li mix-xhieda ta' l-istess konvenut jirrizulta li dawn is-sigar kienu biss xi metru u nofs (1.50m) 'il boghod mit-tieqa u kienu gholi ta' sular.  Ghar-rigward tat-tieqa l-ohra jirrizulta illi s-sigra li kien hemm kienet xi erba' metri (4m) 'il boghod u wkoll kienet twila.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu illi fir-rigward tat-<u>tieqa tal-kcina</u> s-sigra in kwistjoni ma kienetx fid-distanza

stipulata mill-Artikolu 437 tal-Kodici Civili u lanqas ma jirrizulta li din is-sigra kienet qieghda xxabbat ghal fuq il-proprjeta' ta' l-attrici kif stipulat fl-Artikolu 438 ta' l-istess Kodici.

Fir-rigward tat-tieqa tal-kamra tal-banju jirrizulta illi s-sigar in kwistjoni kienu anqas minn zewg metri w erbghin centimetru (2m 40cm) 'il boghod mill-proprjeta' ta' l-attrici u dawn kienu sigar gholjin. Inoltre, jirrizulta li dawn is-sigar tant kibru illi kienu qieghdin jostakolaw id-dawl u l-veduta mill-istess tieqa kif jidher ampjament mir-ritratt muri mar-Rapport tal-Perit Godwin Abela u ghalhekk jidher car li f'dan ir-rigward l-attrici kellha kull jedd li tesigi illi dawn is-sigar jew jitnehhew jew inkella jigu mizbura u jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien inadempjenti billi m'ottemperax ruhu mmedjatament minn meta gie mitlub biex jaghmel hekk mill-istess attrici.

It-Tribunal ukoll huwa tal-fehma illi l-attrici kellha kull dritt li tidderigi ruhha ghall-opinjoni professjonali bhalma hi dik t'avukat u perit arkitett. Se mai tali agir da parti taghha huwa agir li ghandu jigi mfahhar billi b'hekk hija setghet tinghata opinjoni xierqa jekk dak li kienet qed tippretendi hi kienx dritt protett mil-ligi.

Illi ghalhekk jidher car u manifest illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta fir-rigward ta' l-ilment taghha dwar it-tieqa tal-kamra tal-banju izda stante li r-Rapport taghha kien mitlub ukoll fuq tieqa ohra li fir-rigward taghha t-Tribunal ma deherlux li fir-rigward tieghu l-attrici kellha dritt tilmenta, ghandu jkun hemm temperament fit-talba attrici, fis-sens illi din ghandha tigi milqugha bin-nofs.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' sbatax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm17.50c) bl-interessi. L-ispejjez tal-kawza huma bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------